Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 24 ta' Novembru 2020
(OR. en)

13083/1/20
REV 1

LIMITE

COSI 218
ENFOPOL 316
ENFOCUSTOM 131
IXIM 124
CT 107
CRIMORG 110
CYBER 241
CORDROGUE 70
CATS 92
DROIPEN 103
COPEN 331
COPS 407
HYBRID 37
DISINFO 39
DIGIT 128
JAI 1001

PUBLIC

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Presidenza |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Nru. dok. preċ.: | 12862/20 |
| Suġġett: | Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sigurtà Interna u s-Sħubija Ewropea tal-Pulizija |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sigurtà Interna u s-Sħubija Ewropea tal-Pulizija.

**ANNESS**

## KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL
## dwar is-Sigurtà Interna u s-Sħubija Ewropea tal-Pulizija

IL-KUNSILL

1. IFAKKAR fl-Istrateġija ta' Sigurtà Interna Mġedda (2015-2020) u JIBNI fuq il-kisbiet tagħha, JILQA' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà[1] li tistabbilixxi azzjonijiet speċifiċi li għandhom l-għan li jindirizzaw prijoritajiet strateġiċi kemm fid-dinja diġitali kif ukoll f'dik fiżika u fid-dimensjoni interna u esterna b'mod integrat għall-perijodu 2021 – 2025, filwaqt li jibnu fuq il-ħidma preċedenti tal-Kunsill[2], u JISSOTTOLINJA l-importanza tar-rapporti tal-Unjoni tas-Sigurtà bħala għodda għall-monitoraġġ tal-progress u l-valutazzjoni tal-lakuni u t-theddid emerġenti.

2. JIĠBED L-ATTENZJONI għall-fatt li sar progress sinifikanti fil-kooperazzjoni fil-qasam tas-sigurtà interna madwar l-Unjoni f'dawn l-aħħar deċennji u li l-prinċipju tad-disponibbiltà tal-informazzjoni għall-iskambju tad-data kif diġà stabbilit fil-Programm ta' The Hague, it-titjib tal-leġiżlazzjoni u tal-għodod għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni, u l-istabbiliment ta' standard komuni ta' protezzjoni tad-data kienu passi ewlenin fit-trawwim ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet Ewropej tal-infurzar tal-liġi.

3. JILQA' l-programm tat-Triju ta' Presidenzi (DE-PT-SI) u l-koordinazzjoni rigward inizjattivi ġodda li jsaħħu s-sigurtà interna u relatati mal-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà.

4. IFAKKAR li t-triju ta' presidenzi preċedenti għamel progress sostanzjali fid-diskussjoni dwar il-ġejjieni tal-politika tas-sigurtà interna tal-UE, b'enfasi fuq il-ħtieġa li jiġu kkonsolidati r-riżorsi, jiġu kondiviżi l-esperjenza u l-għarfien espert, u tissaħħaħ il-koordinazzjoni tal-pulizija madwar l-Unjoni Ewropea kollha biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-sigurtà li qed jevolvu u jiġi sfruttat il-potenzjal tal-iżviluppi teknoloġiċi.

---

[1] 10010/20.

[2] Diskussjonijiet dwar id-direzzjoni futura tas-sigurtà interna (Rapport tal-Presidenza dwar l-eżitu tad-diskussjonijiet, 14297/19)

5. JIRRIKONOXXI d-diskussjonijiet reċenti fil-Kunsill ĠAI[3], li jagħtu spinta ġdida għall-iżvilupp ta' Sħubija Ewropea tal-Pulizija biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni eżistenti.

6. JAQBEL b'mod partikolari li fi sħubija Ewropea msaħħa għas-sigurtà interna, l-informazzjoni, meħtieġa għat-twettiq ta' dmirijietha jew dmirijietu, għandha tkun disponibbli għal kwalunkwe uffiċjal tal-infurzar tal-liġi f'kull Stat Membru, minn kwalunkwe Stat Membru ieħor, f'konformità mal-liġi applikabbli.

7. ITENNI l-prinċipju tad-disponibbiltà tal-informazzjoni u JAFFERMA MILL-ĠDID li għalkemm il-qafas komuni Ewropew għall-protezzjoni tad-data u diversi strumenti legali u tekniċi diġà għamluha aktar faċli li l-informazzjoni eżistenti tiġi konnessa, għad hemm lok għal titjib.

8. JAQBEL li Sħubija Ewropea msaħħa għas-sigurtà interna teħtieġ titjib kontinwu tal-ġestjoni tal-informazzjoni u l-ottimizzazzjoni tal-użu tal-istrumenti u l-ftehimiet eżistenti għall-iskambju ta' informazzjoni.

9. JISSOTTOLINJA, fir-rigward tat-tisħiħ tas-sigurtà interna, li l-progress tekniku u t-trasformazzjoni diġitali jitolbu soluzzjonijiet u approċċi ġodda xierqa għall-awtoritajiet tas-sigurtà.

10. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jkompli jiġi żgurat rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt fl-azzjonijiet kollha marbutin ma' dawn il-Konklużjonijiet, kemm online kif ukoll offline.

11. JAGĦRAF is-sinifikat tar-responsabbiltà unika tal-Istati Membri fil-qasam tas-sigurtà nazzjonali, f'konformità mal-Artikolu 4(2) TUE.

12. JIKKUNDANNA l-attakki terroristiċi faħxin li seħħew reċentement fl-Awstrija, fil-Ġermanja u fi Franza. Dawn l-attakki kienu assalt fuq il-valuri Ewropej, id-drittijiet fundamentali u, eventwalment, l-istil ta' ħajja tagħna. Is-sħubija Ewropea tagħna għas-sigurtà interna ser tiżgura kooperazzjoni operazzjonali u investigazzjoni transfruntiera effettivi, anke b'rabta mal-prevenzjoni u l-indirizzar tal-estremiżmu vjolenti u t-terroriżmu, irrispettivament mill-oriġini tagħhom.

---

[3] WK 10468/2020

*I. Passi importanti għall-istabbiliment ta' sħubija Ewropea effettiva għas-sigurtà interna (2020 – 2025)*

F'dan il-kuntest, IL-KUNSILL:

13. ITENNI l-prijoritajiet politiċi li ġejjin għas-snin li ġejjin u JISĦAQ b'mod partikolari li dawn il-passi importanti għandhom jintlaħqu permezz ta' azzjoni konġunta mill-Parlament, il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-aġenziji rilevanti tal-ĠAI bejn issa u l-2025 biex jiġi appoġġat il-funzjonament tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u biex tiġi stabbilita sħubija Ewropea effettiva għas-sigurtà interna:

- l-informazzjoni, meħtieġa għat-twettiq ta' dmirijietha jew dmirijietu, għandha tkun disponibbli għal kwalunkwe uffiċjal tal-infurzar tal-liġi f'kull Stat Membru, minn kwalunkwe Stat Membru ieħor, f'konformità mal-liġi applikabbli.

- L-UE u l-Istati Membri implimentaw soluzzjonijiet tekniċi biex l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jikkomunikaw ma' xulxin b'mod sigur u kunfidenzjali.

- L-użu sħiħ tal-istrumenti għal allerti fl-UE kollha dwar atti kriminali huwa prattika standard, pereżempju s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tibgħat allerti dwar persuni jew oġġetti.

- Il-qafas komuni tagħna għall-protezzjoni tad-data u għadd ta' strumenti legali u tekniċi jippermettulna nwettqu konnessjoni aħjar tal-informazzjoni li diġà għandna. L-arkitettura tal-informazzjoni tal-UE timxi mal-prinċipju ta' disponibbiltà saħansitra aktar mill-qrib. Il-qafas Prüm jiġi rieżaminat u aġġornat, fejn xieraq.

- Jiġi stabbilit acquis modern u mtejjeb dwar il-kooperazzjoni transfruntiera tal-pulizija sabiex, pereżempju, jipprovdi setgħat adegwati għal sorveljanza u insegwiment transfruntieri.

- L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jistgħu jużaw teknoloġiji ta' intelliġenza artifiċjali fil-ħidma ta' kuljum tagħhom, soġġett għal salvagwardji ċari.

- L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u l-Europol huma mgħammra biex jaħdmu b'mod aktar intensiv u jikkondividu informazzjoni ma' pajjiżi terzi.

- L-aġenziji tal-infurzar tal-liġi jistgħu jaħdmu ma' sħab pubbliċi u privati madwar id-dinja, soġġetti għal qafas ċar ta' salvagwardji, u b'mod partikolari jista' jkollhom aċċess għall-informazzjoni meħtieġa biex jiġġieldu l-kriminalità serja u l-estremiżmu vjolenti u t-terroriżmu li jisfruttaw l-internet.

*II. It-triq 'il quddiem*

**1. It-tisħiħ tal-kooperazzjoni Ewropea fl-infurzar tal-liġi**

14. JAGĦRAF li jeħtieġ li tissaħħaħ id-dimensjoni Ewropea tal-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi. B'mod ġenerali, hu meħtieġ aktar għarfien tal-ħtiġijiet ta' informazzjoni tas-sħab Ewropej fir-rutini ta' ħidma ta' kuljum. Kull meta jkun hemm allert nazzjonali, allerti madwar l-UE kollha fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) għandhom isiru prattika standard f'konformità mal-qafas legali applikabbli.

15. JISSOTTOLINJA li l-pandemija tal-COVID-19 uriet l-importanza ta' kanali ta' komunikazzjoni siguri. Għalhekk, il-Kunsill iħeġġeġ lill-Istati Membri, l-aġenziji tal-ĠAI tal-UE u l-Kummissjoni, filwaqt li jibnu fuq il-mekkaniżmi u n-networks li diġà jeżistu (bħal SIENA), biex ikomplu jiżviluppaw soluzzjonijiet tekniċi għal komunikazzjoni sigura u kunfidenzjali bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-UE.

16. JENFASIZZA l-fatt li l-aġenziji tal-ĠAI tal-UE, pereżempju l-Europol, il-Frontex, l-eu-LISA, il-Eurojust u s-CEPOL, huma pedamenti tal-arkitettura tas-sigurtà Ewropea, u b'hekk ITENNI li l-għoti ta' finanzjament u persunal adatti lil dawn l-aġenziji huwa indispensabbli. Barra minn hekk, organizzazzjonijiet u korpi internazzjonali, bħall-Interpol, huma sħab essenzjali għas-sigurtà tal-UE.

17. JISSOTTOLINJA r-rwol ewlieni u d-direzzjoni futura tal-Europol, kif iddikjarata fir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-Futur tal-Europol tad-9 ta' Novembru 2020[4].

---

[4] 12463/20.

18. IFAKKAR li l-implimentazzjoni tar-Regolament il-ġdid dwar il-Frontex b'mod ġenerali u l-iskjerament tal-Korp Permanenti tal-Frontex huma kruċjali għall-iżvilupp ulterjuri tal-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi fix-xenarju Ewropew tas-sigurtà, u għalhekk JĦEĠĠEĠ lill-Frontex u lill-Istati Membri biex jagħtu s-sehem legalment vinkolanti tagħhom.

19. JAPPELLA lill-Istati Membri biex jagħmlu użu sħiħ mill-istrumenti eżistenti għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni, pereżempju s-SIS, il-Europol, kif ukoll il-bażijiet ta' data tal-Interpol, u biex ineħħu l-ostakli għall-implimentazzjoni effiċjenti tagħhom.

20. JAPPELLA lill-Istati Membri kollha biex jagħmlu użu mill-istrumenti eżistenti bil-potenzjal sħiħ tagħhom u biex jippromwovu l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti tal-ogħla kwalità possibbli. L-Istati Membri, flimkien mal-aġenziji responsabbli tal-UE, qabelxejn l-eu-LISA, il-Europol u l-Frontex, iridu jimplimentaw malajr il-qafas legali adottat għall-arkitettura riveduta tal-informazzjoni tal-ĠAI biex tinkiseb l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE għall-fruntieri, il-migrazzjoni u s-sigurtà.

21. JITLOB li l-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva għall-iżvilupp ulterjuri tal-qafas Prüm. F'dan il-kuntest tista' tiġi kkunsidrata l-estensjoni possibbli għal/l-introduzzjoni ta' kategoriji oħra ta' informazzjoni, pereżempju s-Sistema ta' Indiċi Ewropea tar-Rekords tal-Pulizija (EPRIS).

22. JIRREFERI għall-konklużjonijiet dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni transfruntiera fl-infurzar tal-liġi fl-Anness 1 u JIĠBED L-ATTENZJONI għall-importanza li tiġi stabbilita kooperazzjoni aktar effettiva fl-infurzar tal-liġi bejn l-Istati Membri u l-aġenziji rispettivi tagħhom, b'mod partikolari tul iż-żoni transfruntieri.

23. JENFASIZZA l-ħtieġa li jittieħdu l-passi kollha meħtieġa biex tkompli tissaħħaħ il-kooperazzjoni transfruntiera operazzjonali billi jiġu implimentati b'mod effettiv l-istrumenti eżistenti u, fejn xieraq, billi jissaħħu, jiġu kkonsolidati u ssimplifikati l-pedamenti legali sabiex l-Unjoni Ewropea tinżamm sikura, u JENFASIZZA l-valur u s-suċċess tal-kooperazzjoni lokali, reġjonali u bi- jew trilaterali fl-infurzar tal-liġi.

## 2. Insawru l-ġejjieni u nżommu l-pass mal-progress teknoloġiku

24. JAGĦRAF li filwaqt li t-trasformazzjoni diġitali u l-użu ta' teknoloġiji ġodda, b'mod partikolari l-intelliġenza artifiċjali (IA), qed ikollhom impatt profond fuq l-isferi kollha tal-ħajja tan-nies, dawn isaħħu l-kapaċitajiet tagħna li nħarsu l-valuri komuni fis-soċjetajiet tagħna. L-użu tal-IA mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jista' potenzjalment jiffaċilita u jtejjeb il-forniment tas-sigurtà u l-prevenzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-kriminalità madwar l-UE. L-għodod diġitali jistgħu jiffaċilitaw il-ġbir ta' evidenza billi jistrutturaw aħjar settijiet ta' data u informazzjoni, jagħrfu xejriet, isibu rabtiet, jidentifikaw il-vittmi u l-awturi ta' reat kif ukoll il-post tar-reat, jawtomatizzaw u jaċċelleraw it-trattament ta' kompiti standardizzati u uniformi, u jgħinu biex jiġu analizzati x-xejriet u r-riskji u t-theddid sabiex jiġu evitati l-attivitajiet kriminali u b'hekk jiżdiedu l-ħeffa u l-effettività tal-infurzar tal-liġi. Fl-istess ħin, l-użu ta' dawn l-għodod ser inaqqas l-ispejjeż u jista' jillimita l-impatt psikoloġiku negattiv li materjal stressanti bħal immaġnijiet ta' abbuż sesswali jew reati ta' mibegħda jista' jkollu fuq il-persunal tal-infurzar tal-liġi.

25. JISĦAQ li l-użu tal-IA x'aktarx jgħin fl-identifikazzjoni ta' xejriet u modi operandi ġodda, li qabel ma kinux magħrufa, speċjalment fl-oqsma tat-terroriżmu, iċ-ċiberkriminalità, l-abbuż sesswali tat-tfal, it-traffikar ta' bnedmin, il-kriminalità relatata mad-droga u l-kriminalità ekonomika. Għaldaqstant, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri għandhom jużaw l-IA biex itejbu l-prevenzjoni u jiffaċilitaw l-investigazzjoni, kif ukoll biex iħarsu lill-vittmi ta' reati bħal dawn.

26. JAFFERMA MILL-ĠDID li d-disinn, l-iżvilupp, l-użu u l-evalwazzjoni tal-IA għas-sigurtà interna jridu jkunu ggwidati mid-drittijiet fundamentali u l-protezzjoni tad-data u allinjati magħhom. Għall-IA użata mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, jinħolqu ħtiġijiet speċifiċi marbutin mad-drittijiet fundamentali għall-iżvilupp u l-kundizzjonijiet tal-użu. Sa fejn dawn is-sistemi ser jintużaw, huma meħtieġa salvagwardji xierqa biex jiġu żgurati żvilupp u użu responsabbli, affidabbli, orjentati lejn l-interess pubbliku u bil-bniedem fil-qalba tagħhom ta' applikazzjonijiet tal-IA fis-settur tal-infurzar tal-liġi. L-utenti jridu jifhmu b'mod adegwat kif l-għodod tal-IA ġew żviluppati u kif jaħdmu, iridu jkunu kapaċi jispjegaw u juru r-riżultati u jrid ikollhom għarfien ċar dwar l-impatt tagħhom fuq l-individwi, fuq il-minoranzi u fuq is-soċjetà kollha kemm hi.

27. JISĦAQ li d-disponibbiltà ta' settijiet ta' data estensivi u ta' kwalità għolja twassal għall-iżvilupp ta' għodod ibbażati fuq l-IA għas-sigurtà interna f'konformità mad-drittijiet fundamentali, is-salvagwardji u r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data. Dan huwa essenzjali biex jiġu garantiti eżiti mhux preġudikati u li jistgħu jiġu spjegati, li għandhom dejjem ikunu soġġetti għal sorveljanza umana matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-IA u l-eżitu jrid jitressaq għal deċiżjoni umana.

28. JENFASIZZA li huwa partikolarment meħtieġ li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jingħataw taħriġ komprensiv biex ikunu jistgħu jgawdu l-benefiċċji tal-użu tat-teknoloġiji diġitali, fosthom l-IA.

29. JAPPELLA LILL-Europol biex tiġbor u tikkondividi l-esperjenzi u l-valutazzjonijiet miġbura mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri sabiex tiffaċilita skambju ta' prattiki rilevanti.

30. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tneħħi l-ostakli legali għall-kondiviżjoni u l-ġbir ta' data fost l-Istati Membri għal skopijiet ta' innovazzjoni, b'mod partikolari għat-taħriġ, l-ittestjar u l-validazzjoni ta' algoritmi u JISSOTTOLINJA r-rwol tal-Hub tal-UE għall-Innovazzjoni fis-Sigurtà Interna fil-Europol f'dan il-kuntest.

31. JAPPELLA LILL-Kummissjoni biex tippromwovi l-ħolqien ta' ġabra ta' talent fl-IA u tiffaċilita l-iżvilupp ta' opportunitajiet ta' taħriġ fil-litteriżmu u l-ħiliet diġitali għall-infurzar tal-liġi, pereżempju billi tiffinanzja taħriġ immirat tas-CEPOL.

32. JAGĦRAF li t-theddid ibridu jolqot lil kważi kull settur ta' politika u jmur lil hinn mill-elementi tradizzjonali tal-politika ta' sigurtà. Għaldaqstant, huma meħtieġa koordinazzjoni komprensiva bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri u approċċ proattiv għall-ġlieda kontra t-theddid ibridu.

33. ITENNI l-ħtieġa li jiġi żgurat aċċess legali għad-data u l-evidenza f'sistemi diġitali u ta' komunikazzjoni elettronika għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi u ġudizzjarji kif imsemmi fl-Istrateġija dwar l-Unjoni tas-Sigurtà u kif indikat mill-Kunsill Ewropew[5] u JISSOTTOLINJA li indipendentement mill-ambjent teknoloġiku tal-ġurnata, huwa essenzjali li tiġi ppreservata l-kapaċità li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji jeżerċitaw is-setgħat tagħhom, kif preskritt u awtorizzat mil-liġi, kemm online kif ukoll offline.

34. JISSOTTOLINJA li l-kriptaġġ huwa ankra ta' fiduċja fid-diġitalizzazzjoni u għandu jiġi promoss u żviluppat. Il-kriptaġġ huwa mezz biex titħares il-privatezza kif ukoll is-sigurtà diġitali tal-gvernijiet, l-industrija u s-soċjetà. Fl-istess waqt, u f'konformità mad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, trid tiġi żgurata l-kapaċità tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji li jeżerċitaw is-setgħat legali tagħhom, kemm online kif ukoll offline, biex jipproteġu s-soċjetajiet u ċ-ċittadini tagħna. Kif iddikjarat fir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-kriptaġġ[6], kwalunkwe azzjoni trid tibbilanċja dawn l-interessi bir-reqqa. Għandhom jiġu żviluppati soluzzjonijiet tekniċi u operazzjonali ankrati f'qafas regolatorju msejjes fuq il-prinċipji tal-legalità, in-neċessità u l-proporzjonalità, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-fornituri tas-servizz, partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn u l-awtoritajiet kompetenti rilevanti kollha, għalkemm ma għandu jkun hemm ebda soluzzjoni teknika preskritta waħdanija biex jiġi pprovdut aċċess għal data kriptata.

35. IFAKKAR fil-ħtieġa għal qafas bilanċjat għaż-żamma tad-data, li effettivament jippermetti l-aċċess għall-informazzjoni meħtieġa biex tiġi miġġielda l-kriminalità serja, filwaqt li jirrispetta b'mod sħiħ id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, kif ukoll l-adozzjoni rapida ta' leġiżlazzjoni dwar l-aċċess għal evidenza elettronika transfruntiera.

---

5 EUCO 13/20, 1-2 ta' Ottubru 2020

6 13084/1/20 REV 1

## 3. Sfidi globali u kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tas-sigurtà

36. JIKKONFERMA l-importanza tar-rabta bejn is-sigurtà interna u dik esterna u r-rwol ta' atturi esterni u tal-ĠAI, fosthom aġenziji rilevanti tal-ĠAI f'dan il-kuntest.

37. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jiġu approfonditi l-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni ma' pajjiżi terzi b'salvagwardji xierqa, fil-qasam tal-infurzar tal-liġi, peress li din il-kooperazzjoni hi marbuta mill-qrib mal-interessi aktar wiesgħa tas-sigurtà tal-Unjoni.

38. JENFASIZZA l-ħtieġa li tiġi promossa aktar is-sħubija tal-UE fil-qasam tas-sigurtà u l-ġestjoni tal-fruntieri fl-għamla ta' aktar kooperazzjoni operazzjonali bejn il-Frontex u pajjiżi terzi u JAPPOĠĠA l-inizjattivi bilaterali u multilaterali tal-Istati Membri biex isaħħu l-koordinazzjoni operazzjonali ma' pajjiżi terzi.

39. IFAKKAR li l-ftehimiet eżistenti dwar l-istatus jeħtieġ li jiġu adattati għar-Regolament il-ġdid dwar il-Frontex. Il-ftehimiet dwar l-istatus li għadhom pendenti, b'mod partikolari mas-sħab tal-Balkani tal-Punent, għandhom jiġu ffirmati u jidħlu fis-seħħ mill-aktar fis possibbli. It-tisħiħ tal-kooperazzjoni operazzjonali fil-qasam tas-sigurtà interna ma' pajjiżi terzi oħrajn, kemm jekk ġirien tal-UE kif ukoll jekk le, għandu jiġi vvalutat mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mill-qrib mal-atturi kollha involuti.

40. JIĠBED L-ATTENZJONI għall-fatt li l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi Ewropej huma parti integrali mill-komunità internazzjonali u jeħtieġ li jkunu jistgħu jaħdmu aktar mill-qrib flimkien ma' sħab ewlenin minn pajjiżi terzi.

41. JAGĦRAF li hu meħtieġ skambju effiċjenti ta' informazzjoni ma' pajjiżi u partijiet terzi biex is-sigurtà interna tal-UE tissaħħaħ kemm jista' jkun, filwaqt li jiġu żgurati s-salvagwardji meħtieġa.

42. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa għal koordinazzjoni aktar effettiva u effiċjenti tal-miżuri meħudin mill-korpi tal-istituzzjonijiet tal-UE u l-atturi rilevanti impenjati f'pajjiżi terzi permezz ta' azzjoni komuni fil-qasam tal-analiżi tas-sigurtà, proġetti pilota u attivitajiet relatati.

43. JENFASIZZA l-importanza li l-kooperazzjoni tal-atturi tal-ĠAI u l-Operazzjonijiet tal-PSDK tiġi żviluppata aktar, kif deskritt fil-patt dwar id-dimensjoni ċivili tal-PSDK, u JĦEĠĠEĠ l-implimentazzjoni timxi 'l quddiem għall-hekk imsejħa minikunċetti li jiddefinixxu din il-kooperazzjoni, u b'hekk jingħata valur miżjud lill-pajjiżi terzi u lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri tagħha.

## 4. Il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata transnazzjonali

44. IFAKKAR li l-kriminalità organizzata tikkawża ħsara ekonomika u personali enormi. Billi l-operat tal-organizzazzjonijiet kriminali qiegħed kull ma jmur jaqsam il-fruntieri, huwa essenzjali li tiġi mmassimizzata l-kooperazzjoni operazzjonali, jintużaw sistemi ta' informazzjoni tal-UE disponibbli u tiġi skambjata informazzjoni bejn l-UE u pajjiżi terzi u s-sħab internazzjonali. Il-Kunsill JIEĦU NOTA tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta komunikazzjoni dwar l-Aġenda tal-UE għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata (2021-2025).

45. JISSOTTOLINJA li ċ-ċiklu ta' politika tal-UE għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja/EMPACT, jipprovdi metodoloġija fil-kriminal mmexxija mill-intelligence biex b'mod konġunt l-awtoritajiet jiġġieldu t-theddid kriminali l-aktar serju li jaffettwa lill-UE. Iċ-ċiklu ta' politika tal-UE/EMPACT ser ikompli jkun l-istrument ewlieni fil-ġlieda kontra l-kriminalità internazzjonali serja u organizzata. Id-diġitalizzazzjoni estensiva tal-proċeduri fiċ-ċiklu ta' politika tal-UE/EMPACT għandha potenzjal kbir, b'mod partikolari fir-rigward tal-iżvilupp ta' pjattaforma konġunta għall-partijiet ikkonċernati tal-EMPACT (il-pjattaforma Exchange & Report (EMPACT XR)).

46. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jissaħħu l-isforzi kontra l-kriminalità ambjentali, billi jkomplu jibnu fuq ir-riżultati tal-prijorità Envicrime fl-EMPACT (2018-2021) u fid-dawl tal-eżitu tat-tmien ċiklu tal-evalwazzjonijiet reċiproċi dwar il-kriminalità ambjentali[7].

47. JIEĦU NOTA tal-iżvilupp inkwetanti tas-swieq tad-drogi Ewropej f'dawn l-aħħar snin. Is-sitwazzjoni hija kkaratterizzata minn disponibbiltà għolja ta' diversi tipi ta' drogi, sekwestri dejjem akbar, użu dejjem akbar ta' vjolenza u intimidazzjoni u profitti kbar. Is-swieq tad-drogi u l-gruppi tal-kriminalità organizzata assoċjati ilhom li wrew li huma reżiljenti ħafna – anke matul il-pandemija globali tal-COVID-19.

---

[7] 14065/19

48. JENFASIZZA l-ħtieġa ta' Strateġija msaħħa tal-UE dwar id-Drogi għall-2021-2025 biex tagħti tweġibiet sostenibbli għal dawn l-iżviluppi. L-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar id-Drogi għandha tibqa' miexja fuq approċċ ibbilanċjat, ibbażat fuq l-evidenza, integrat u multidixxiplinarju biex tindirizza l-aspetti kollha tal-fenomenu tad-drogi fil-livell nazzjonali, tal-UE u dak internazzjonali. Ir-rwol taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA) u l-Europol huwa sottolinjat f'dan il-kuntest.

49. IFAKKAR li l-pandemija tal-COVID-19 tenfasizza wkoll l-importanza tal-ġlieda kontra l-mediċini kontrafatti jew l-apparati protettivi u l-periklu inerenti tagħhom.

50. JILQA' l-istrateġija tal-Kummissjoni għal ġlieda aktar effettiva kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, kemm online kif ukoll offline. JISSOTTOLINJA li l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal, speċjalment meta titqies iż-żieda fid-dimensjoni online tal-kriminalità matul il-pandemija tal-COVID-19, huma sfida komuni li teħtieġ approċċ konġunt, koordinat u b'diversi partijiet ikkonċernati fil-livell Ewropew u globali.

51. JISTIEDEN lill-Istati Membri biex jimplimentaw il-linji ta' ħidma kollha tal-istrateġija. F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Ottubru 2019 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, il-Kunsill JAFFERMA MILL-ĠDID l-impenn tal-UE u l-Istati Membri biex jipproteġu d-drittijiet fundamentali tat-tfal u d-drittijiet tal-vittmi tal-kriminalità, u biex jiġġieldu l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal irrispettivament mill-post fiżiku jew in-nazzjonalità tat-tfal.

52. JISSOTTOLINJA li l-ġlieda kontra t-traffikar tal-armi tan-nar tibqa' prijorità għolja u JILQA' l-pjan ta' azzjoni tal-UE 2020-2025 dwar it-traffikar tal-armi tan-nar. Għandu jiġi nnutat progress reċenti f'dan il-qasam, inkluż il-ħidma li saret skont EMPACT Firearms u l-pjan ta' azzjoni dwar it-traffikar illeċitu tal-armi tan-nar bejn l-UE u r-reġjun tax-Xlokk tal-Ewropa għall-2015-2019. Il-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu tal-armi tan-nar teħtieġ skambju ta' informazzjoni transnazzjonali aħjar, pereżempju bid-dħul sistematiku ta' informazzjoni dwar armi mitlufa jew misruqa fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS).

53. IFAKKAR fil-Konklużjonijiet tiegħu tal-5 ta' Ġunju 2020 dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni mas-sħab tal-Balkani tal-Punent, li talbu lill-Kummissjoni biex tintegra l-Pjan Direzzjonali[8] adottat fis-Summit tal-Balkani tal-Punent f'Londra fl-10 ta' Lulju 2018 fil-pjan ta' azzjoni l-ġdid tal-UE dwar it-traffikar tal-armi tan-nar u JILQA' l-fatt li l-għanijiet tiegħu huma konsistenti mal-isforzi mwettqa fl-Unjoni u fin-Nazzjonijiet Uniti (NU) fil-ġlieda kontra t-traffikar ta' Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SALW) u l-munizzjon tagħhom.

54. JAPPELLA lill-Istati Membri flimkien mas-sħab tal-Balkani tal-Punent biex ikomplu l-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali kif integrat fil-pjan ta' azzjoni tal-UE 2020-2025 dwar it-traffikar tal-armi tan-nar u f'konformità mad-deċiżjonijiet rilevanti tal-Kunsill. Dan jinkludi proċeduri ppruvati u l-kooperazzjoni b'suċċess maċ-Ċentru tax-Xlokk u tal-Lvant tal-Ewropa għall-Kontroll tal-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SEESAC).

55. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tlaqqa', flimkien mar-Rappreżentant Għoli, kumitat ta' tmexxija ta' sħab u donaturi ewlenin inkarigati mill-implimentazzjoni bil-għan li tiġi żgurata l-koordinazzjoni globali strateġika tad-donaturi.

56. Minħabba oqfsa u ħtiġijiet legali diversi, il-ġbir sistematiku ta' data dwar il-kriminalità u l-ġustizzja kriminali għandu jitfassal skont ir-realtajiet ta' kull Stat Membru. Il-Kunsill JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tiddiskuti f'aktar dettall l-implimentazzjoni nazzjonali tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni l-ġodda rigward il-pjan ta' azzjoni dwar l-armi tan-nar.

57. JISSOTTOLINJA li sabiex il-kriminalità serja tiġi miġġielda b'mod effiċjenti jenħtieġ impenn komuni għat-tisħiħ tal-isforzi tagħna fil-qbid u l-konfiska ta' assi kriminali, u li l-effiċjenza tal-leġiżlazzjoni Ewropea f'dak ir-rigward għandha tiġi vvalutata.

---

[8] Pjan Direzzjonali għal soluzzjoni sostenibbli għall-pussess illegali, l-użu ħażin u t-traffikar ta' Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SALW) u l-munizzjon tagħhom fil-Balkani tal-Punent sal-2024.

58. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u għalhekk JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tiżviluppa strateġija ġdida tal-UE għall-qerda tat-traffikar tal-bnedmin u li tirrevedi l-pjan ta' azzjoni attwali tal-UE dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti fil-qafas tal-Istrateġija tal-Unjoni tas-Sigurtà. L-istrateġija dwar it-traffikar tal-bnedmin għandha tindirizza l-forom kollha ta' sfruttament, b'mod partikolari miżuri biex jipprevjenu u jiġġieldu t-traffikar tal-bnedmin għall-fini ta' sfruttament tax-xogħol jew sesswali, kif ukoll l-identifikazzjoni u l-protezzjoni tal-vittmi u l-appoġġ għalihom. Il-ġlieda kontra t-traffikar tat-tfal għandha tibqa' prijorità fl-istrateġija. L-istrateġija għandha tipprevedi l-analiżi tal-iżviluppi teknoloġiċi attwali u l-effetti tagħhom fuq it-traffikar tal-bnedmin, il-ġbir u l-evalwazzjoni tad-data mtejba fil-mekkaniżmi eżistenti, u l-kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-Kunsill tal-Ewropa u l-GRETA.

**5. Il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti**

59. IFAKKAR fil-kisbiet numerużi ta' dawn l-aħħar snin għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni tal-UE fil-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti u t-terroriżmu. Madankollu, it-theddida terroristika għall-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha għadha għolja kif urew ukoll l-attakki reċenti fl-Awstrija, Franza u l-Ġermanja. Din it-theddida ġejja mit-tipi kollha ta' estremiżmu vjolenti, inkluż l-estremiżmu vjolenti reliġjuż u dak immotivat politikament, u fil-mira tagħha hemm is-soċjetajiet liberi u miftuħa tagħna.

60. IĦEĠĠEĠ l-adozzjoni rapida tal-proposta għal Regolament dwar il-prevenzjoni tat-tixrid ta' kontenut terroristiku online u JAPPELLA lill-partijiet kollha biex jinnegozjaw fi spirtu ta' kompromess biex jinżamm livell għoli ta' ambizzjoni f'dak ir-rigward.

61. JENFASIZZA l-importanza tal-ġlieda kontra l-mibegħda, l-estremiżmu vjolenti u t-terroriżmu fuq l-Internet, b'mod partikolari fil-qafas tal-attivitajiet tal-IRU tal-Europol.

62. Konxju mir-responsabbiltà storika tal-Ewropa li tħares id-drittijiet fundamentali u s-sigurtà taċ-ċittadini u l-komunitajiet Lhud tagħha, il-Kunsill JISSOTTOLINJA l-importanza tal-ġlieda kontra l-antisemitiżmu bħala kwistjoni trasversali (b'referenza għad-Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni tal-ġlieda kontra l-antisemitiżmu fl-oqsma kollha ta' politika)[9] u JIRRIMARKA li s-sigurtà tibqa' ta' tħassib kbir għaċ-ċittadini u l-komunitajiet Lhud. Il-Kunsill IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri biex jiffukaw fuq is-sigurtà tal-istituzzjonijiet Lhud, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-komunitajiet Lhud u biex jiffaċilitaw l-iskambju tal-aħjar prattiki u l-kooperazzjoni transfruntiera f'dan il-qasam.

63. JESPRIMI T-TĦASSIB TIEGĦU dwar gruppi estremisti vjolenti ta' kwalunkwe ideoloġija li qed jippruvaw jużaw il-pandemija tal-COVID-19 għall-finijiet tagħhom, billi jsaħħnu l-irjus u jirreklutaw kemm online kif ukoll offline. Il-Kunsill JIKKUNDANNA t-tentattivi kollha biex tiddgħajjef il-koeżjoni soċjali u tiġi promossa l-vjolenza u JENFASIZZA li, f'approċċ komprensiv tas-soċjetà kollha, għandhom isiru l-isforzi kollha biex tiġi evitata aktar radikalizzazzjoni u jiġu miġġielda l-forom kollha ta' estremiżmu vjolenti u terroriżmu. Il-Kunsill JIKKUNDANNA l-forom kollha ta' razziżmu, ksenofobija u forom oħra ta' intolleranza.

64. Il-Kunsill għalhekk JAPPELLA lill-Europol biex tkompli tissorvelja l-iżviluppi f'dak ir-rigward u tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti u t-terroriżmu li ħerġin mill-pandemija jew li huma amplifikati minnha.

65. JAPPELLA lill-Istati Membri biex ikomplu jsaħħu l-isforzi tagħhom għall-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni li twassal għal estremiżmu vjolenti online u offline, b'mod partikolari billi jestendu l-programmi tagħhom ta' prevenzjoni u deradikalizzazzjoni għall-oqsma kollha tal-fenomenu fejn dan għadu mhux il-każ.

66. JISSOTTOLINJA li għandha tkompli tingħata attenzjoni partikolari f'dan ir-rigward lill-persuni rimpatrijati minn żoni ta' kunflitt kif ukoll lill-ħabsijiet u lill-priġunieri meħlusa.

---

[9] 12893/20

67. JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri biex jagħtu attenzjoni speċjali lill-persuni vvalutati mill-Istati Membri li huma ta' theddida terroristika jew estremista vjolenti, u JISSOTTOLINJA li f'Ewropa mingħajr fruntieri interni jrid jiġi żgurat li, fl-oqfsa regolatorji nazzjonali u Ewropej eżistenti, l-informazzjoni tiġi kondiviża b'mod affidabbli u rapidu meta tali persuni jivvjaġġaw jew jikkollegaw ma' individwi jew networks fi Stati Membri oħra.

68. JISĦAQ fuq il-fatt li s'issa, għajr għall-kategorija speċifika tal-Ġellieda Terroristiċi Barranin, ma hemm l-ebda standard jew kriterju komuni stabbilit għal liema persuni minnhom għandhom jiddaħħlu fil-bażijiet tad-data u s-sistemi tal-informazzjoni Ewropej. Filwaqt li hemm fis-seħħ qafas legali li fuqu tista' tiddaħħal informazzjoni f'dawn il-bażijiet ta' data, dan għadu ma jiggarantix li mill-inqas il-persuni vvalutati mill-Istati Membri li huma ta' theddida terroristika serja jew estremista vjolenti jistgħu jinstabu hemmhekk. Għalhekk, għall-Kunsill HUWA IMPORTANTI li, fil-prinċipju, jiddaħħlu persuni vvalutati minn Stati Membri individwali li huma ta' theddida terroristika serja jew estremista vjolenti fil-bażijiet ta' data u s-sistemi ta' informazzjoni Ewropej rilevanti, sakemm ma jkunx hemm tħassib legali jew operazzjonali li jitlob mod ieħor. JISSOTTOLINJA r-rispett tad-drittijiet fundamentali u l-protezzjoni xierqa tad-data personali f'dan il-kuntest.

69. JILQA' l-fatt li l-grupp ta' ħidma responsabbli bħalissa qed jindirizza l-ħtieġa għal skambju ta' informazzjoni dwar persuni li huma vvalutati li huma ta' theddida terroristika jew estremista vjolenti; JILQA' f'dan ir-rigward aktar ħidma biex ikun hemm fehim kondiviż ta' liema persuni huma vvalutati mill-Istati Membri individwali bħala persuni meqjusa bħala theddida terroristika jew estremista vjolenti mingħajr ma jiġu affettwati l-leġiżlazzjonijiet nazzjonali differenti f'dan ir-rigward, u JAPPELLA lill-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni u tal-Europol, biex ikollhom djalogu strateġiku kontinwu dwar din il-kwistjoni.

70. JISĦAQ fuq il-fatt li ż-żieda fl-estremiżmu vjolenti hija theddida għas-sigurtà fl-Ewropa. JINNOTA li l-media soċjali trewwaħ it-tixrid ta' ideoloġija estremista vjolenti u tikkontribwixxi għar-radikalizzazzjoni. L-estremiżmu vjolenti għandu dimensjoni internazzjonali dejjem akbar u r-rabtiet internazzjonali u transfruntiera bejn il-gruppi estremisti vjolenti permezz tal-internet iridu jiġu indirizzati.

71. JAPPELLA lill-Istati Membri biex ikomplu jiżviluppaw u jikkondividu prattiki tajbin dwar it-tisħiħ tal-prevenzjoni, il-qbid u l-indirizzar tal-estremiżmu vjolenti u t-terroriżmu u biex jindirizzaw it-tixrid ta' kontenut estremist vjolenti online u offline, inkluż permezz ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi ewlenin.

## KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL
## DWAR IT-TITJIB TAL-KOOPERAZZJONI TRANSFRUNTIERA TAL-INFURZAR TAL-LIĠI

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

1. FILWAQT LI JAGĦRAF ir-rwol fundamentali tat-titjib ulterjuri tal-kooperazzjoni transfruntiera fl-infurzar tal-liġi fil-promozzjoni tal-għan komuni tat-tisħiħ tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, peress li t-theddid li qed ifiġġ jenfasizza l-ħtieġa għal aktar sinerġiji u kooperazzjoni aktar mill-qrib fil-livelli kollha biex jiġi żgurat rispons effettiv u koordinat mill-awtoritajiet kompetenti,

2. WARA LI KKUNSIDRA l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen (CISA), id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-titjib tal-koperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/617/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-titjib tal-koperazzjoni bejn l-unitajiet ta' intervent speċjali ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea f'sitwazzjonijiet ta' kriżi (id-deċiżjonijiet ta' Prüm), kif ukoll strumenti oħra tal-UE għall-infurzar tal-liġi u trattati bilaterali u multilaterali dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija bejn l-Istati Membri,

3. WAQT LI JIBNI FUQ il-prijoritajiet strateġiċi u l-prinċipji gwida tal-kooperazzjoni transfruntiera fl-infurzar tal-liġi li jinsabu fl-Aġenda Strateġika tal-UE 2019-2024 dwar it-titjib tal-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transfruntiera[10], l-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà[11], il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna mġedda għall-UE (ISS) 2015-2020[12], u r-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2014 dwar it-tiġdid tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna tal-UE[13], li jirriflettu aġenda komuni għall-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew, u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2019 dwar attivitajiet ta' prevenzjoni mill-pulizija[14],

4. FILWAQT LI JIEĦU NOTA ta' dokumenti mhux vinkolanti tal-Kunsill bħall-prattiki tajba (il-Katalgu ta' Schengen[15]) u l-linji gwida (il-Linji Gwida għall-iSPOC[16], il-Linji Gwida għall-PCCC[17], manwali dwar l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi[18] u dwar l-operazzjonijiet transfruntiera[19]) u s-sejbiet tal-Valutazzjonijiet ta' Schengen,

5. FILWAQT LI JIEĦU NOTA tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-Istrateġija Ġdida tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà 2021-2025[20], li tenfasizza li "*l-livell ta' kooperazzjoni jista' xorta waħda jittejjeb billi jiġu ssimplifikati u aġġornati l-istrumenti disponibbli*" u li "*l-Kummissjoni ser tħares lejn kif il-Kodiċi ta' Kooperazzjoni tal-Pulizija jista' jappoġġa dan*," u l-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Bidu fuq l-inizjattiva ta' Kodiċi ta' Kooperazzjoni tal-Pulizija tal-UE (PCC), ippubblikata mill-Kummissjoni fit-28 ta' Settembru 2020[21],

---

10 EUCO 9/19
11 COM(2020) 605 final
12 15670/14
13 2014/2918
14 10062/19
15 15785/3/10.
16 10492/14.
17 PCCC: Ċentru ta' Kooperazzjoni tal-Pulizija u tad-Dwana (9105/11).
18 6727/18.
19 10505/09.
20 COM(2020) 605 final, p. 22
21 Ref. Ares(2020)5077685

6. FILWAQT LI JISĦAQ r-rilevanza u l-valur miżjud sottostanti taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE / EMPACT[22], imsemmi wkoll fl-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà 2021-2025, li jinvolvi l-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE u jtejjeb il-kooperazzjoni transfruntiera fil-ġlieda kontra l-kriminalità internazzjonali organizzata u serja,

7. FILWAQT LI JAGĦRAF ir-rwol importanti tal-Europol, bħala hub ta' informazzjoni kriminali tal-UE, fl-appoġġ lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom fl-operazzjonijiet u l-investigazzjonijiet u fil-promozzjoni tal-kooperazzjoni,

8. KONXJU tal-kontribut tal-Frontex għas-salvagwardja tas-sigurtà interna tal-Unjoni, permezz tal-implimentazzjoni effettiva ta' miżuri għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri fil-fruntieri esterni tal-UE, inkluż il-ġlieda kontra l-kriminalità transfruntiera u t-terroriżmu fil-fruntieri esterni tal-UE,

9. FILWAQT LI JAGĦRAF is-sinifikat tar-responsabbiltà esklużiva tal-Istati Membri fil-qasam tas-sigurtà nazzjonali, f'konformità mal-Artikolu 4(2) TUE, u l-attivitajiet tagħhom f'dan il-qasam u FILWAQT LI JAPPREZZA l-progress miksub sa issa mill-Istati Membri fit-titjib kontinwu tal-kooperazzjoni operazzjonali bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi,

10. FILWAQT LI JENFASIZZA li l-azzjonijiet kollha tagħna huma kompletament konformi mad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali u FILWAQT LI JFAKKAR fl-importanza li jiġi applikat il-prinċipju ta' sussidjarjetà u proporzjonalità,

IL-KUNSILL:

11. JISSOTTOLINJA li kooperazzjoni transfruntiera fl-infurzar tal-liġi hija bbażata fuq il-prinċipju tas-sovranità nazzjonali, li jistabbilixxi l-prerogattiva esklussiva tal-Istati Membri li jwettqu attivitajiet tal-infurzar tal-liġi fi ħdan it-territorji nazzjonali tagħhom,

[22] Konklużjonijiet tal-Kunsill li jinsabu fid-dokument 7704/17.

12. JENFASIZZA li l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja tal-UE jeħtieġ kooperazzjoni effiċjenti u legali fl-infurzar tal-liġi, ibbażata fuq fiduċja reċiproka, fit-trattament tal-kriminalità tranżnazzjonali u organizzata, l-estremiżmu vjolenti, it-terroriżmu u l-migrazzjoni illegali,

13. JENFASIZZA li l-pandemija tal-COVID-19 u l-għan komuni tal-prevenzjoni tat-tixrid tal-infezzjoni ssottolinjaw il-ħtieġa għal kooperazzjoni transfruntiera aktar mill-qrib inkluż fil-qasam tal-infurzar tal-liġi tul il-fruntieri interni kondiviżi,

14. JISSOTTOLINJA li l-emerġenza ta' fenomeni kriminali ġodda u l-evoluzzjoni tal-għodod teknoloġiċi disponibbli kemm għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi kif ukoll għat-trasgressuri jeħtieġu evalwazzjoni tal-ħtieġa li jiġu adattati l-mekkaniżmi tal-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi,

15. IQIS il-qafas f'diversi livelli tal-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi bħala pedament ta' taħlita xierqa ta' soluzzjonijiet miftiehma għal sfidi komuni, b'diversi forom ta' kooperazzjoni aġġustati għal ħtiġijiet speċifiċi,

16. JENFASIZZA l-ħtieġa li l-kooperazzjoni transfruntiera tiġi allinjata aħjar mal-objettivi taċ-ċiklu ta' politika tal-UE għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja fejn rilevanti,

17. IFAKKAR li t-titjib tal-istrumenti attwali għandu jibbilanċja b'mod adegwat id-dispożizzjonijiet konsolidati fl-UE kollha u jippermetti forom ta' kooperazzjoni mfassla apposta u fuq skala żgħira, li jirriflettu ċ-ċirkostanzi reġjonali u lokali u jqis id-differenzi fis-sistemi legali u r-rekwiżiti operazzjonali u organizzazzjonali reġjonali, lokali u lokali, filwaqt li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali u jitqiesu l-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità,

18. JENFASIZZA li huwa preferibbli li jittejbu l-istrumenti li huma diġà disponibbli, aktar milli jinħolqu forom ġodda ta' kooperazzjoni, u JFAKKAR GĦALHEKK fil-ħtieġa għal implimentazzjoni konsistenti u effettiva tal-istrumenti eżistenti,

19. JOSSERVA d-diskrepanzi dejjem jikbru bejn il-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u d-deċiżjonijiet ta' Prüm minn naħa waħda, u l-prattika li qed tevolvi b'mod dinamiku bbażata fuq trattati bilaterali , trilaterali u multilaterali u r-rekwiżiti prattiċi tal-ħidma kontemporanja tal-infurzar tal-liġi min-naħa l-oħra, li jirriżultaw f'inċertezza dwar l-applikabbiltà u l-kamp ta' applikazzjoni ta' forom eżistenti ta' kooperazzjoni f'ċerti każijiet,

20. JAGĦRAF l-importanza fundamentali li (...) l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi jkunu jistgħu jaġixxu b'mod effettiv fil-kooperazzjoni transfruntiera, b'mod partikolari billi l-forzi tal-pulizija rispettivi jingħataw setgħat ibbilanċjati u maqbula b'mod reċiproku f'ċerti ċirkostanzi definiti sew, filwaqt li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali u jiġi osservat il-prinċipju tas-sovranità nazzjonali, b'mod partikolari r-rwol ta' tmexxija u ta' deċiżjoni tal-istat ospitanti,

21. JAPPREZZA l-impatt taċ-Ċentri ta' Kooperazzjoni tal-Pulizija u tad-Dwana (PCCCs) u/jew Punti Uniċi ta' Kuntatt (SPOCs), li rriżultaw bħala l-aħjar prattiki li jiffaċilitaw u jħaffu l-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi, b'mod partikolari fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni, u JINKORAĠĠIXXI t-titjib ulterjuri tal-PCCCs f'konformità mal-ħtiġijiet reġjonali, pereżempju bil-promozzjoni tal-użu mifrux u sistematiku tagħhom tal-Applikazzjoni ta' Network għall-Iskambju Sikur ta' Informazzjoni (SIENA),

22. JISĦAQ il-ħtieġa li jiġu evalwati r-rekwiżiti legali ta' strumenti ta' kooperazzjoni transfruntiera li jippermettu attivitajiet bħal sorveljanzi transfruntiera u insegwimenti transkonfinali għall-ħtiġijiet ta' ħidma kontemporanja ta' infurzar tal-liġi,

23. JISSOTTOLINJA r-rwol tal-pattulji tal-pulizija, unitajiet u uffiċċji konġunti, punti ta' operazzjoni konġunti, jiem ta' azzjoni konġunti u investigazzjonijiet konġunti , peress li dawn isaħħu b'mod effettiv iż-żamma tal-ordni pubbliku, il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-ġlieda kontra l-kriminalità b'mod partikolari fir-reġjuni tal-fruntiera, iżidu s-sens soġġettiv tas-sigurtà taċ-ċittadini, u jippermettu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi minn Stati Membri differenti biex jippermettu servizzi konġunti regolari, ħalli b'hekk tinħoloq il-bażi għal fiduċja reċiproka,

24. JISSOTTOLINJA, fl-istess ħin, il-ħtieġa li jiġu rispettati u attwati bis-sħiħ id-drittijiet u l-libertajiet taċ-ċittadini kif minquxa fil-qafas legali eżistenti u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, filwaqt li jagħraf li l-fiduċja pubblika fl-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi hija essenzjali biex jinżamm is-sens soġġettiv ta' sigurtà taċ-ċittadini,

25. JENFASIZZA r-rwol ta' interazzjoni kostanti u skambju adegwat ta' informazzjoni, kif ukoll taħriġ konġunt kontinwu, ħidma fi gruppi konġunti ta' esperti, seminars, workshops u programmi ta' skambju f'livelli differenti, b'mod partikolari bl-appoġġ tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL), bil-għan li jinkiseb fehim kondiviż tal-infurzar tal-liġi Ewropew.

u għalhekk JAPPELLA LILL-ISTATI MEMBRI:

26. jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex ikomplu jsaħħu l-kooperazzjoni operazzjonali transfruntiera fl-infurzar tal-liġi billi jimplimentaw b'mod effettiv l-istrumenti eżistenti u, fejn xieraq u meħtieġ, billi jikkonsolidaw, jissimplifikaw u jestendu l-pedamenti legali, inkluż:

Pattulji, unitajiet, uffiċċji u punti ta' operazzjoni konġunti: biex ikomplu jżidu l-użu ta' dawn l-istrumenti u jiżguraw l-effikaċja u l-kosteffiċjenza tagħhom, rigward pattulji konġunti per eżempju abbażi ta' mudell 1:1 (uffiċjal tal-pulizija minn kull Stat Membru involut), skont il-kompitu:

- f'dak il-kuntest, jiċċaraw u, fejn xieraq, f'konformità mal-ħtiġijiet reġjonali u mal-prinċipju tas-sovranità nazzjonali, is-sistemi legali eżistenti u r-rwol deċiżiv tal-istat ospitanti, jestendu f'ċerti ċirkostanzi definiti b'mod ċar l-allokazzjoni ta' setgħat eżekuttivi maqbula b'mod reċiproku u bbilanċjati lil uffiċjali barranin li joperaw barra mit-territorju tal-istat ta' oriġini tagħhom fit-twettiq ta' dmirijiethom;

- itejbu l-użu ta' investigazzjonijiet transfruntiera u konġunti, u jissimplifikaw il-proċeduri għall-istabbiliment ta' Skwadri ta' Investigazzjoni Konġunta (SIK) pereżempju primarjament permezz ta' għodod prattiċi, inkluż evalwazzjoni dwar jekk huwiex meħtieġ li jiġu aġġornati l-ftehimiet mudell eżistenti u li tissaħħaħ il-ħidma tan-network tas-SIK u li jiġu involuti esperti tas-SIK fin-negozjar rapidu tal-ftehimiet dwar is-SIK;

Sorveljanza transfruntiera: jiċċaraw u jikkunsidraw li jiġu simplifikati r-rekwiżiti legali għat-twettiq ta' tali sorveljanza, filwaqt li jirrispettaw il-prinċipju tas-sovranità nazzjonali, l-istandards eżistenti għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, is-sistemi legali eżistenti fl-Istati Membri u r-rwol deċiżiv tal-istat ospitanti, biex jivvalutaw l-istandardizzazzjoni tal-miżuri li jistgħu jiġu approvati u l-mezzi tekniċi li jistgħu jiġu skjerati, pereżempju droni u tagħmir għal-lokalizzazzjoni, u biex itejbu l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni, inkluż billi jiddefinixxu mill-ġdid id-distinzjoni bejn sorveljanza urġenti u mhux urġenti, filwaqt li jestendu l-perijodu ta' żmien meħtieġ biex tinkiseb l-awtorizzazzjoni għal sorveljanza urġenti fejn xieraq, u jqisu, fejn meħtieġ u b'mod proporzjonat taħt kondizzjonijiet stretti u mingħajr preġudizzju għall-istrumenti eżistenti, inkluż ftehimiet għall-Assistenza Legali Reċiproka fejn applikabbli, jippermettu t-tnedija ta' sorveljanza fit-territorju ta' pajjiż ieħor qabel din tkompli fil-pajjiż ta' oriġini tal-uffiċjali involuti,

Insegwimenti: jiċċaraw, filwaqt li jirrispettaw il-prinċipju tas-sovranità nazzjonali, l-istandards eżistenti għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, is-sistemi legali eżistenti fl-Istati Membri u r-rwol deċiżiv tal-istat ospitanti, il-kondizzjonijiet legali għal insegwimenti transkonfinali[23], biex jadattaw ir-rekwiżiti legali għall-ħtiġijiet tal-prattikanti billi possibbilment jitwessa' kemm il-kamp ta' applikazzjoni għall-insegwimenti transkonfinali kif ukoll il-kompetenzi tal-uffiċjali li joperaw bejn il-fruntieri, inkluż billi titjieb il-kondiviżjoni tad-data tal-lokalizzazzjoni, li tippermetti insegwimenti kull meta persuna tipprova tevadi l-proċeduri tal-infurzar tal-liġi u tippermetti li l-insegwimenti jitwettqu fuq l-art, fl-ajru, fil-baħar u fuq passaġġi tal-ilma;

Punti Uniċi ta' Kuntatt (SPOCs) u/jew Ċentri ta' Kooperazzjoni tal-Pulizija u tad-Dwana (PCCCs): fejn rilevanti, li jsaħħaħ, b'modi tekniċi u operazzjonali differenti, il-PCCCs eżistenti u/jew l-SPOCs u/jew l-oqsma ta' kompetenza tagħhom (...) u (...) strutturi ulterjuri ta' dan it-tip;

Ippjanar operazzjonali konġunt u eżerċizzji: iżidu l-isforzi biex titrawwem il-kooperazzjoni transfruntiera, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet ta' laqgħat tal-massa, diżastri u inċidenti serji;

---

[23] Eż. definizzjoni komuni ta' "taqbad" u "iżżomm" – ara l-Artikolu 41 tal-KIFS

Unitajiet ta' intervent speċjali: isaħħu aktar il-kooperazzjoni transkonfinali bejn tali strutturi fl-Istati Membri tal-UE u pajjiżi assoċjati, inklużi l-kompetenzi tagħhom u l-kjarifika rigward il-kwistjoni tar-responsabbiltà matul azzjonijiet transfruntiera abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/617/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008, biex jiġi appoġġat aktar l-istabbiliment ta' ċentri ta' taħriġ / Ċentri ta' Eċċellenza komuni, biex jiġu adattati r-rekwiżiti legali biex ikun possibbli t-trasport u t-tranżitu transfruntier ta' splussivi, munizzjon u materjal ta' kumbattiment ta' unitajiet ta' intervent speċjali għal taħriġ u operazzjonijiet komuni, biex jiġu appoġġati l-akkomunament u l-kondiviżjoni ta' materjali speċifiċi fost l-Istati Membri li jixtiequ jagħmlu użu minn din il-possibbiltà, biex jiġu mwieġba talbiet għall-assistenza teknika u jissaħħaħ ir-rwol tal-Uffiċċju ta' Appoġġ tal-Atlas fi ħdan il-Europol bħala Punt Uniku ta' Kuntatt (SPOC) għall-unitajiet ta' intervent speċjali, pereżempju fir-rigward tal-amministrazzjoni u l-koordinament tal-attivitajiet tal-ATLAS;

Kooperazzjoni bejn il-pulizija u d-dwana: biex jiżguraw kooperazzjoni mill-qrib u skambju ta' informazzjoni immirat fejn legalment possibbli, b'mod partikolari fil-qafas taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE / EMPACT u fir-reġjuni tal-fruntiera.

27. itejbu malajr il-mezzi għall-iskambju regolari jew ad hoc ta' informazzjoni u komunikazzjoni diretta, inklużi strutturi komuni bħal pjattaformi tal-intranet, sistemi ta' kontroll tal-operat jew networks ta' komunikazzjoni bir-radju;

28. jikkooperaw mill-qrib, jikkoordinaw u jikkomunikaw fi żminijiet ta' kriżi, bħal matul il-pandemija tal-COVID-19, fil-livell operazzjonali u strateġiku, b'mod partikolari mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-pajjiżi ġirien, pereżempju bl-użu ta' strutturi stabbiliti jew ad hoc;

29. iqajmu kuxjenza fost l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi dwar l-għodod eżistenti u jqawwu r-rieda tagħhom li jikkooperaw fil-livell transfruntier, filwaqt li jsir użu sħiħ mis-sorsi disponibbli ta' informazzjoni bħall-Manwal dwar l-operazzjonijiet transkonfinali aġġornat reċentement u l-iskedi informattivi nazzjonali tiegħu;

30. jiżguraw informazzjoni aktar faċilment disponibbli, pereżempju bl-introduzzjoni ta' applikazzjonijiet fuq il-web li jinfurmaw lill-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi individwali dwar ir-regoli applikabbli għal azzjonijiet transfruntiera f'żoni partikolari, idealment kompatibbli mal-kanali ta' informazzjoni tal-UE, u billi jiżdied l-użu ta' formoli standardizzati;

31. isaħħu aktar l-istrutturi kemm għal skambji regolari kif ukoll ad hoc, inklużi laqgħat fiżiċi u dawk virtwali siguri, ħidma tal-kumitati, workshops u programmi ta' skambju, kif ukoll taħriġ u seminars konġunti biex jittejbu l-ħiliet prattiċi għall-kooperazzjoni operazzjonali, inkluż l-għarfien lingwistiku u legali;

32. ikomplu l-iskambju dwar l-aħjar prattiki u l-implimentazzjoni tagħhom bħala għodda siewja fit-titjib tal-kooperazzjoni;

33. ikomplu jiżviluppaw kultura Ewropea komuni għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u, skont l-aderenza operazzjonali u pedagoġika osservata, (gradwalment) jiġi stabbilit mekkaniżmu nazzjonali għar-rikonoxximent tal-għarfien miksub fi Stati Membri oħra, jew saħansitra standard komuni li jwassal għal ċertifikazzjoni Ewropea.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI:

34. biex bħala l-ewwel pass tivvaluta b'mod komprensiv mal-Istati Membri l-konklużjonijiet li hija tasal għalihom mill-evalwazzjonijiet u minn riżorsi oħra ta' informazzjoni rigward il-kooperazzjoni transfruntiera fl-infurzar tal-liġi,

35. tieħu kont debitu – meta tivvaluta l-għażliet għal proposta għal Kodiċi Ewropew ta' Kooperazzjoni tal-Pulizija u filwaqt li tirrispetta l-prinċipju tas-sovranità nazzjonali, l-istandards eżistenti għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, is-sistemi legali eżistenti fl-Istati Membri u r-rwol deċiżiv tal-istat ospitanti, – il-valur u s-suċċess tal-kooperazzjoni lokali, reġjonali, bilaterali u multilaterali fl-infurzar tal-liġi bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari fir-reġjuni bi fruntieri interni kondiviżi, u l-valur miżjud tal-leġiżlazzjoni Ewropea fid-dawl tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità,

36. tikkunsidra l-konsolidazzjoni tal-qafas legali tal-UE biex tissaħħaħ aktar il-kooperazzjoni transfruntiera fl-infurzar tal-liġi, filwaqt li jiġu ggarantiti l-protezzjoni tad-data u d-drittijiet fundamentali, jiġu indirizzati l-ħtiġijiet operazzjonali attwali, jiġu rieżaminati b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet fit-Titolu III, Kapitolu 1 (Kooperazzjoni tal-Pulizija) tal-KIFS, id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2006/960/ĠAI, u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2008/615/ĠAI, 2008/616/ĠAI (Deċiżjoni ta' Prüm) u 2008/617/ĠAI[24] speċjalment fir-rigward tal-insegwiment u s-sorveljanza transfruntiera, li għandhom ikunu kompletament funzjonali madwar l-Ewropa, filwaqt li tiġi rrispettata l-possibbiltà għall-Istati Membri li jelaboraw id-dettalji ta' tali kooperazzjoni u jipprevedu kooperazzjoni saħansitra aktar mill-qrib b'mod bilaterali, kif imsemmi hawn fuq,

37. tivvaluta, filwaqt li tirrispetta l-prinċipji tas-sovranità nazzjonali u l-proporzjonalità, l-istandards eżistenti għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, is-sistemi legali eżistenti fl-Istati Membri u r-rwol deċiżiv tal-istat ospitanti, jekk humiex meħtieġa aġġustamenti tal-qafas legali jew linji gwida komuni għall-kooperazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, pereżempju kriżijiet pandemiċi, kif ukoll fir-rigward ta' teknoloġiji ġodda li għandhom impatt fuq il-kooperazzjoni transfruntiera fl-infurzar tal-liġi,

38. iżżid l-appoġġ għal forom (strutturi) reġjonali msaħħa ta' kooperazzjoni, bħall-PCCCs, għases tal-pulizija konġunti u sessjonijiet ta' taħriġ konġunti, filwaqt li tiġi żgurata l-kooperazzjoni effiċjenti tagħhom mal-SPOCs,

39. tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi billi tappoġġa l-iżvilupp ta' skambju ta' informazzjoni bla xkiel u rapidu; żvilupp ulterjuri ta' strutturi u pjattaformi rilevanti; taħriġ, eżerċizzji, seminars u workshops konġunti; tnaqqis tal-ostakli tekniċi u lingwistiċi, il-produzzjoni ta' manwali aġġornati u katalgi ta' ħidma li jispeċifikaw ir-rekwiżiti, il-kompetenzi u l-proċeduri nazzjonali applikabbli, kif ukoll taħriġ legali intensifikat,

---

[24] Kif ukoll strumenti oħra tal-infurzar tal-liġi/kooperazzjoni ġudizzjarja, fejn rilevanti

JITLOB LILL-EUROPOL:

40. ikompli jappoġġa lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jipprovdu lill-Europol b'informazzjoni ta' kwalità għolja u biex ikomplu jsaħħu l-introduzzjoni ta' SIENA lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tagħhom,

41. jesplora, flimkien ma' partijiet ikkonċernati oħra u gruppi ta' esperti rilevanti, il-possibbiltajiet għall-avvanz ta' soluzzjonijiet mobbli (jew għall-interkonnessjoni ta' soluzzjonijiet eżistenti), sabiex tkun possibbli komunikazzjoni rapida u sigura bejn l-uffiċjali fuq il-post u l-investigaturi.

JISTIEDEN LIS-CEPOL:

42. tkompli tassisti lill-Istati Membri fit-taħriġ fl-infurzar tal-liġi sabiex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-uffiċjali, b'mod partikolari l-għarfien legali, fir-rigward tal-kooperazzjoni transfruntiera fl-infurzar tal-liġi.

JISTIEDEN LILL-FRONTEX:

43. tappoġġa, fi ħdan il-mandat tagħha, lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri tal-UE u tal-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen fil-ġestjoni tal-fruntieri esterni biex jipprovdu livell għoli ta' sigurtà għaċ-ċittadini kollha tal-UE.